

## IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – Sigma Orionis vs REA

(Kawża T-47/16) <sup>(1)</sup>

*(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Programm Qafas għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni ‘Horizon 2020’ — Sospensjoni tal-pagamenti ta’ ftehim ta’ sussidju wara awditu finanzjarju — Talba intiża għall-ħlas tal-ammonti dovuti mir-REA fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta’ ftehim ta’ sussidju”)*

(2018/C 211/23)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Sigma Orionis SA (Valbonne, Franza) (rappreżentanti: S. Orlandi, u T. Martin, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA) (rappreżentanti: S. Payan-Lagrou u V. Canetti, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża għall-kundanna tar-REA sabiex tħallas lir-rikorrenti ammonti dovuti fuq il-bażi ta’ ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tal-Programm Qafas għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni “Horizon 2020”.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sigma Orionis SA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 98, 14.3.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – Sigma Orionis vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-48/16) <sup>(1)</sup>

*(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Is-Seba’ Programm Qafas għall-azzjonijiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) u l-Programm Qafas għar-riċerka u għall-innovazzjoni ‘Horizon 2020’ — Sospensjoni tal-pagamenti u xoljiment tal-kuntratti ta’ sussidju wara awditu finanzjarju — Talba għall-ħlas tal-ammonti dovuti mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta’ sussidju — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)*

(2018/C 211/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Sigma Orionis SA (Valbonne, Franza) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u M. Siekierzyńska, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti l-ammonti dovuti fuq il-bażi ta' kuntratti konklużi fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għall-azzjonijiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' demostrazzjoni (2007-2013) u tal-Programm Qafas għar-Riċerka u għall-Innovazzjoni "Horizon 2020" u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għal kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament sostniet wara l-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligi tagħha.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Sigma Orionis SA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 98, 14.3.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018 – Grizzly Tools vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-168/16) <sup>(1)</sup>

*(“Protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-konsumaturi u tal-ħaddiema — Direttiva 2006/42/KE — Klawżola ta' salvagwardja — Miżura nazzjonali ta' projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' apparat għall-ħasil bil-prensa — Rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u ta' sigurtà — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-miżura ġustifikata — Obbligu ta' motivazzjoni — Ugwaljanza fit-trattament”)*

(2018/C 211/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Grizzly Tools GmbH & Co.KG (Großostheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Fischer, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment G. Zavvos u K. Petersen, sussegwentement K. Petersen, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/175 tat-8 ta' Frar 2016 dwar miżura meħuda minn Spanja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' tip ta' apparat għall-ħasil bil-prensa (pressure washer) (ĠU 2016, L 33, p. 12).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Grizzly Tools GmbH & Co.KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 25.7.2016.